# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA
# SEDE KOSTITUZZJONALI

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn**
**Għoxrin (20) ta' Frar 2023**

**Rikors Numru 145/2021 FDP**

Fl-ismijiet

**Giovanna Pace (I.D. 27551M)**

**Vs**

**L-Avukat tal-Istat**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 10 ta' Marzu 2021, li permezz tiegħu r-rikorrenti talbet is-segwenti:

   *Ir-rikorrent tressqet b'arrest flimkien ma' oħrajn quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja nhar it-22 ta' April tas-sena 2004 akkużata inter alia talli, fil-jum tal-20 April 2004 u tul l-erba' xhur ta' qabel:*

   1. *assoċjat ruħha ma' persuna/i oħra sabiex ibiegħu jew jittraffikaw l-eroina, l-kokaina u l-kannabis;*
   2. *forniet jew ipprokurat id-droga eroina u kokaina;*
   3. *kienet fil-pussess tad-droga eroina, kokaina u cannabis f'ċirkostanzi li juru lil-pussess ta' tali droga ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu;*

4. *biegħet jew traffikat id-droga kannabis;*
5. *ikkaġunat feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' WPS 45 Marisa Bartolo;*

*Illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali nhar l-1 ta' Frar tas-sena 2019 għaddiet sabiex illiberat lill-esponenti minn diversi akkużi iżżda sabitha ħatja li kkawżat ġrieħi ta' natura ħafifa fost l-oħrajn u kkundannatha tnax-il xahar priġunerija sospiżi għal perjodu ta' sentejn.*

*Illi jiġi rilevat illi fil-każż odjern il-kumpilazzjoni ingħalqet fit-12 ta' Mejju 2004 (ara verbal a' fol 220). Dakinhar il-Qorti illiberat lil Joseph Pace u għal bqija tal-imputati ddeċidiet li hemm raġunijiet biżżejjed sabiex dawn jitqiegħdu taħt att ta' akkuża (ara digriet fol 287). Sa mill-ewwel nota, l-Avukat Ġenerali iddeċieda juża l-proċedura tar-rinviju stabbilita fl-artikolu 405 tal-Kap. 9 (ara rinviji 15 ta' Ġunju 2004 a' fol 307, 3 ta' Awwissu 2004 a' fol 311, 4 ta' Ottubru 2004 a' fol 326, 19 ta' Novembru 2004 a' fol 362, 30 ta' Diċembru 2004 a' fol 366, 17 ta' Frar 2005 a' fol 374, 6 ta' April 2005 a' fol 389, 18 ta' Mejju 2005 a' fol 393, 4 ta' Lulju 2005 a' fol 403, 10 ta' Awwissu 2005 a' fol 407, 14 ta' Settembru 2005 a' fol 410, 2 ta' Novembru 2005 a' fol 414, 5 ta' Diċembru 2005 a' fol 420 u 11 ta' Jannar 2006). Fir-rinviji tiegħu, l-Avukat Ġenerali baqa' jinsisti li l-Qorti tisma' kull prova oħra li ġġib il-Pulizija u li l-uffiċjal prosekutur jgħid dettaljatament xi provi fadal (apparti li jinstemgħu xhieda li kienu ġia xehdu) anke wara li l-Pulizija eżawriet il-provi tagħha u ddikjarat, għal iktar minn darba, li għalqet il-provi (ara verbal tat-3 ta' Frar 2006 a' fol 424 u rinviju sussegwenti tat-3 ta' Marzu 2006 a' fol 429, verbal tas-17 ta' Marzu 2006 a' fol 430 u rinviji sussegwenti tal-11 ta' April 2006 a' fol 436, 26 ta' Mejju 2006 a' fol 443, 12 ta' Lulju 2(X)6 a' fol 446, 22 ta' Awwissu 2006 a' fol 453, 27 ta' Settembru 2006 a' fol 456, 29 ta' Novembru 2006 a' fol 463, 9 ta' Jannar 2007 a' fol 473 u verbal tad-19 ta' Jannar 2007 a' fol 479 fejn il-prosekuzzjoni għat-tielet darba reġgħet iddikjarat li m'għandhiex provi aktar x'tipproduċi).*

*Mir-rinviju tas-16 ta' Frar 2007 (fol 481) 'l hemm imbagħad, l-Avukat Ġenerali iddeċieda li jibda jitlob għal ċertifikat mediku ta' WPS 45 rigward ferita kawżata b'gidma f'kuxtejha mill-esponenti Giovanna Pace fl-20 t'April 2004 "sabiex l-istess ferita tiġi kklassifikata bħala gravi" u li terġa' tinstema' lill-istess WPS 45 għalkemm din kienet diġa xehdet fit-12 ta' Mejju 2004 (ara xhieda a' fol 238) kif ukoll li tiġi esebita l-karta tal-identità ta' Giovanna Pace (ara rinviji tat-3 ta' April 2007 fol 500, 21 ta' Ġunju 2007 a' fol 530, 27 ta' Lulju 2007 ' fol 546, 17 ta' Settembru 2007 a' fol 552, 12 ta' Novembru 2007 a' fol 563, 24 ta' Diċembru 2007 a' fol 565, 12 ta'*

*Frar 2008, a' fol 574, 26 ta' Marzu 2008 a' fol 592, 7 ta' Mejju 2008 a' fol 599, 24 ta' Ġunju 2008 a' fol 614, 19 ta' Awwissu 2008 a' fol 617, 1 ta' Ottubru 2008 a' fol 630, 6 ta' Novembru 2008 a' fol 635, 22 ta' Diċembru 2008 a' fol 641, 4 ta' Frar 2009 a' fol 651, 11 ta' Marzu 2009 a' fol 657, 11 ta' Ġunju 2009 a' fol 690 u 21 ta' Lulju 2009 a' fol 693).*

*Il-Pulizija minn naħa tagħha ħadet sentejn u ħames xhur sabiex tagħmel dak hekk mitlub mill-Avukat Ġenerali (mill-ewwel rinviju tas-16 ta' Frar 2007 sa' l- verbal tal-24 ta' Lulju 2009 fejn Dr. Mario Scerri ippreżenta r-rapport tiegħu rigward iċ-ċertifikat in kwistjoni). Dan minħabba li kellu jiġi stabbilit u rintraċċat it-tabib li l-prosekuzzjoni ħasbet li ħareġ iċ-ċertifikat, imbagħad, peress li sar magħruf li dan ma kienx baqa' jaħdem Malta, kellu jitħarrek rappreżentant mid-dipartiment tal-emerġenza li dan ma setgħax jattendi u s-Supretendent tal-Isptar Mater Dei li ma deherx għalkemm notifikat, imbagħad għax inbidel l-istess Supretendent li lanqas ma seta jattendi u s-segratarja tiegħu naqset ukoll li tidher f'diversi udjenzi, kif ukoll għaliex SM 45 kienet indisposta.*

*Illi inoltre kien hemm diversi seduti fejn fihom ma sar xejn jew minħabba li l-uffiċjal prosekutur nstab maqbud f'inkjesta jew impenjat f'xogħol urġenti f'Għawdex jew f'Qorti diversament presjeduta jew sempliċiment indispost jew għax inbidel l-istess uffiċjal prosekutur (ara verbali 2 ta' Marzu 2007 a' fol 482, 13/4/2007 a' fol 501, 18 ta' Mejju 2007 a' fol 511, 22 ta' Ġunju 2004 a' fol 531, 12 ta' Ottubru 2007 a' fol 553, 16 ta' Novembru 2007, 30 ta' Novembru 2007 a' fol 562, 11/1/2008 a' fol 566, 22 ta' Frar 2008 a' fol 575, verbal 4 ta' April 2008 a' fol 593, 16 ta' Mejju 2008 a' fol 600, 18 ta' Lulju 2008 a' fol 615, 23 ta' Awwissu 2008 a' fol 618, 9 ta' Ottubru 2008 a' fol 631, 21 ta' Novcmbru 2008 a' fol 636, 5 ta' Jannar 2009 a' fol 642 u 12 ta' Frar 2009 a' fol 652, 20 ta' Marzu 2009 a' fol 658, 30 t'April 2009 a' fol 677, 14 ta' Mejju 2009 a' fol 684, 22 ta' Ġunju 2009 a' fol 691, 24/7/2009 a' fol 694).*

*Kien biss preċiżament fis-16 ta' Ġunju 2011, jiġifieri seba' snin u kważi xahrejn wara li nfetħu dawn il-proċeduri, li l-Avukat Ġenerali sa fl-aħħar ħareġ l-att ta' akkuża bin-numru 13/2011 (ara fol 1282). F'din l-Att ta' Akkuża, l-Avukat Ġenerali akkuża lir-rikorrenti b'delitti tali li għalihom talab lil Qorti Kriminali tiġi kkundannata, inter alia, għal għomru l-ħabs. Fil-11 ta' Lulju 2011, ir-rikorrenti preżentat nota ta' eċċezzjonijiet a tenur tal-artikolu 438(2) tal-Kap. 9 li ġew trattati quddiem il-Qorti Kriminali fis-17 ta' Ottubru 2011 u deċiżi fis-6 ta' Jannar 2012. llli l-esponenti Giovanna Pace appellat minn din is-sentenza liema appell ġie trattat sena wara fil-31 ta' Jannar 2013 u deċiż fit-13 ta' Ġunju 2013 fejn il-Qorti tal-*

*Appell Kriminali ċaħdet l-appell u ordnat li l-atti jiġu minnufih rimessi lill-Qorti Kriminali.*

*B'digriet tal-5 ta' Novembru 2013 (a' fol 1588) il-Qorti Kriminali qiegħdet il-kawża għas-smiegħ għas-17 ta' Frar 2014. Iżda b'rikors ir-rikorrenti talbet lil Qorti Kriminali tirrimanda l-atti quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) a tenur ta' l-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta sabiex jiġi determinat jekk id-diskrezzjoni li għandu l-Avukat Ġenerali fil-Kap. 101 li jagħżel jekk akkużat ikollux il-kawża tiegħu deċiża mill-Qorti tal-Maġistrali (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali jew mill-Qorti Kriminali tilledix id-drittijiet tagħha taħt l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem liema talba ġiet milqugħa.*

*Dan ir-rikors ie kkunsidrat mill-Qorti Ċivili Prim' Awla (Sede Kostituzzjonali) fejn fis-sentenza tagħha il-Qorti msemmija wieġbet għat-talba postulata fir-rikors tar-rikorrenti għar-referenza kostituzzjonali fl-affermattiv fis-sens li hemm ksur tal-artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni minħabba d-diskrezzjoni li għandu l-Avukat Ġenerali skont l-Artikolu 22 tal-Kap. 101. L-Avukat Ġenerali kien appella min din is-sentenza iżda ma kienx baqagħlu aktar interess f'din ir-referenza billi kien laħaq ġie introdott l-artikolu 22(2A) (b) fil-Kap. 101 permezz tal-Att XXIV tal-2014 fejn b'dan l-artikolu l-akkużat ingħata lilu l-fakulta' li jitlob b'rikors lil-Qorti Kriminali preżentat fit-termini hemm imposti sabiex tordna li huwa jiġi ġġudikat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u l-Qorti Kriminali għandha tiddeċiedi quddiem liema qorti l-akkużat għandu jiġi ġġudikat wara li tkun semgħet lill-akkużat u lill-Avukat Ġenerali.*

*Ir-rikorrenti fil-fatt ippreżentat dan ir-rikors a tenur tal-imsemmi artikolu 22(2A)(b) tal-Kap. 101 iżda fil-mori l-Avukat Ġenerali informa lill-istess Qorti li sejjer jippreżenta kontro ordni fil-konfront tar-rikorrenti u anke taż-żewġ ko-imputati l-oħra fejn b'din il-kontra ordni, l-Avukat Ġenerali ordna bis-saħħa tal-artikolu 31 tal-Kap. 101 li r-rikorrenti tiġi pproċessata quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali.*

*Isegwi għalhekk li meta ħareġ l-Att tal-akkuża fil-konfront tar-rikorrenti li biha talab li tiġi kkundannata għall-għomor il-ħabs l-Avukat Ġenerali uża d-diskrezzjoni mogħtija lilu taħt il-Kap. 101 ħażin fejn għaddew aktar minn tlett snin sakemm hu stess ħareġ il-kontro ordni fil-31 ta' Ottubru 2014.*

*Il-kawża quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ġiet appuntata għat-12 ta' Diċembru 2014 (ara avviż a' fol 1693). Dik inhar il-Qorti rrinvijat l-atti għand l-Avukat Ġenerali sabiex ikun f'qagħda li jibgħat l-artikoli. Dawn inħarġu fit-13 ta' Jannar 2015 (a' fol 1697).*

*Dawn il-proċeduri fil-konfront tar-rikorrenti ġew konklużi finalment nhar l-1 ta' Frar tas-sena 2019 u ċioe' ħmistax-il sena wara minn meta nbeda l-każ odjern.*

*Skont l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea "Fid-deċiżjoni ... ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa ntitolat għal smiegħ ... fi żmien raġonevoli ...".*

*L-istess jistipula l-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni li "Kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwa għandu ... jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli..."*

*Ir-rekwiżit ta' żmien raġjonevoli fi proċedimenti kriminali jfittex li jiżgura li persuni akkużati ma jitqiegħdux taħt akkuża għal żmien twil wisq u li l-akkuża tiġi determinata fi żmien raġjonevoli. Dan sabiex il-persuni akkużati ma jdumux fit-tul fi stat ta' inċertezza b'rabta mar-riżultat tal-akkużi kriminali kontrihom (ara Wemhoff vs Germany, Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, 27 ta' Ġunju 1968, § 18, Kart v. Turkey, Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem bħala Awla Manja (AM), 3 ta' Diċembru 2009, § 68).*
*Kif ġie delinjat f'iktar dettal, "hu meqjus li l-ħtieġa ta' smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli fil-każ ta' proċedura kriminali fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni "is to guarantee, that within a reasonable time, and by means of a judicial decision, an end is put to the insecurity into which a person finds himself as to his civil law position or on account of a criminal charge against him; in the interest of the person in question as well as of legal certainty. This rationale entails that the provision also applies in cases where there is no question of detention on remand" (Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zivaak Theory & Practice of the European Convention on Human Rights (4th Edit, 2006), pg. 602 - 3);*

*Illi għalhekk il-ħtieġa ta' smigħ xieraq fi żmien raġonevoli, taħt il-Konvenzjoni tinbena fuq il-fatt li (a) id- dewmien iqiegħed fil-periklu l-effettivita' u l-kredibbilta' tal-ġustizzja; (b) il-ħtieġa li l-persuna mixlija tingħata l-opportunita' ta' difiża xierqa w effettiva tant li jingħad li ''the right to a speedy trial has traditionally been perceived as protecting two basic rights of the accused. First the accused should not for an unduly long period remain in a state of uncertainty about his fate or be subjected to a series of disabilities*

*normally associated with the initiation of criminal proceedings. Secondly speedy proceedings are designed to safeguard the right of the accused to mount an effective defence; the passage of time, may result in the loss of exculpatory evidence" (Stephanos Stavros - The guarantees for Accused Persons under Article 6 of the European Convention on Human Rights - paġ 77); (ċ) d-dewmien joħloq fil-persuna mixlija li titħalla hekk għal żmien twil stat ta' inċertezza fuq il-verdett tal-innoċenza jew il-ħtija tagħha u fuq x'sejjer ikun id-destin tagħha; u (d) d-dewmien ta' proċeduri kriminali għandu effett negattiv fuq il-fama tal-persuna mixlija;" (Anton Camilleri vs Avukat Ġenerali, Qorti Kostituzzjonali, 1 ta' Frar 2016).*

*Il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (QEDB) kif riflessa fil-ġurisprudenza kostanti tal-Qrati Maltin, stabbilit il-prinċipji li għandhom jiddeterminaw it-tul taż-żmien tal-proċedimenti u l-kriterji indikattivi tar-raġjonevolezza ta' dan it-tul taż-żmien.*

***Id-determinazzjoni tat-tul taż-żmien tal-proċedimenti***

*Il-kejl tar-raġonevolezza taż-żmien fil-każ ta' proċeduri kriminali jibda jiddekorri mill-mument li l-persuna tiġi "akkużata" minn awtorita kompetenti (Adrian Busietta v. L-Avukat Ġenerali et, Qorti Kostituzzjonali, 13 ta' Marzu 2006, para 9; Tychko v. Russia, QEDB, 11 ta' Ġunju 2015, § 63; Neumeister v. Austria, QEDB, 27 ta' Ġunju 1968, § 18;). Dan iż-żmien jista' jibda jgħodd anke qabel mal-każ jittressaq quddiem il-qorti (Deweer v. Belgium, QEDB, 27 ta' Frar 1980, § 42), preċiżament minn meta s-sitwazzjoni tal-akkużat tkun "sostanzjalment affettwata" (Mamie v. Slovenia (no. 2), QEDB, 27 ta' Lulju 2006, §§ 23-24; Liblik and Others v. Estonia, QEDB, 28 ta' Mejju 2019 § 94). Kif irriteniet il-Qorti fil-kawża Francis Said vs 1-Avukat Ġenerali, Qorti Ċivili Prim' Awla (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali), 6 ta' Mejju 2009 "Iż-żmien jibda jiddekorri minn meta l-akkużat ikun rinfaċċjat b'ċirkostanzi tali li "substantially affect the situation of the suspect" ... Mhix rilevanti d-data ta' meta sar r-reat. jew meta ssir l-inkjesta maġisterjali."*

*Ir-rekwiżit ta' żmien raġjonevoli japplika għall-proċeduri kollha inkluż dawk quddiem Qorti tal- Appell (Kohig vs Germany, QEDB, 28 ta' Ġunju 1978, paragrafu 98; Delcourt v. Belgium, QEDB, 17 ta' Jannar 1970, §§ 25-26; V. v. the United Kingdom, Awla Manja (AM), 16 ta' Diċembru 1999 § 109).*

*B'hekk iż-żmien rilevanti jibqa' jitkejjel sas-sentenza li tiddetermina l-akkuża, jiġifieri sakemm "iż-żmien tal-inċertezza maħluqa bil-pendenza tal-proċedura jkun intemm. Dan iseħħ jew mal-għoti tas-*

*sentenza li tkun jew mal-għeluq taż-żmien li minnha seta' sar appell (QEDB 19.2.1991 fil-kawża fl-ismijiet Angelucci vs Italja (Applik. Nru. 12666/87) § 15)" (Anton Camilleri vs Avukat Ġenerali ċitata supra; ara wkoll Neumeister vs Austria, 27 ta' Ġunju 1968, § 19).*

*Akkuża kriminali hija "ddeterminata" biss meta s-sentenza tkun eventwalment stabbilita bil-kundanna jew liberatorja tal-akkużat (Wemhoff v. Germany, ġia ċitata supra, § 18). F'każ ta' kundanna din trid tkun definittiva, finali u eżegwita (Eckle vs Germany, QEDB, 15 ta' Lulju 1982, § 77; Ringeisen v. Austria, ċitata supra, § 110; V. v. the United Kingdom ċitata supra, §109). Di piu' l-eżekuzzjoni tas-Sentenza tal-Qorti hija meqjusa bħala parti integrali tal-proċess għall-finijiet tal-Artikolu 6. Il-protezzjoni mogħtija bl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni tibqa' anke meta s-Sentenza mogħtija tillibera lill-persuna minn kull akkuża (Assanidze vs Georgia, QEDB, 8 ta' April 2004, § 181-183).*

***Determinazzjoni tar-raġonevolezza taż-żmien***

*Kif ġie kemm il-darba affermat, ir-raġjonevolezza taż-żmien meħud fis-smigħ ta' kawża għandha titqies fid-dawl taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ "magħdudin flimkien b'effett kumulattiv" f'kull stadju tal-kawża, inkluż dak tal-appell (Anton Camilleri vs Avukat Ġenerali, Qorti Kostituzzjonali, 1 ta' Frar 2016; Konig vs Germany ċitata supra § 110; Boddaert v. Belgium, QEDB, 12 ta' Ottubru 1992, § 36; Deumeland vs Germany, 29 ta' Mejju 1986, § 90). Għall-Qorti Ewropeja għall-Ħarsien tad-Drittijiet tal-Bniedem tant tqis dawn il-prinċipji sagrosanti li anke t-tul komplessiv tal-proċedimenti jista' jitqies li jkun qabeż iż-'żmien raġonevoli' anke fejn ċerti stadji tal-istess ikunu imxew b'ħeffa aċċettabli (Dobbertin v. France, QEDB, 25 ta' Frar 1993, § 44). Ġie stabbilit li dan ir-rekwiżit ta' żmien raġonevoli sanċit fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni m'għandux jimmina l-prinċipju ġenerali tal-amministrazzjoni xierqa tal-ġustizzja, wkoll stabbilit b'dan l-artikolu. Għandu għalhekk jintlaħaq bilanċ ġust bejn id-diversi aspetti varji ta' dan ir-rekwiżit fundamentali (Boddaert v. Belgium ċitata supra § 39; ara wkoll Raymond Bonnici et vs Avukat Ġenerali, Qorti Kostituzzjonali, 2 ta' Marzu 2015, para 27). Eżempju ta' dan huwa fejn il- ħtieġa ta' riżoluzzjoni mgħaġġla ta' proċediment m'għandux iċaħħad akkużat mid-drittijiet ta' difiża (Boddaert vs Belgium ċitata supra § 39.)*

*Fil-kejl tagħha tar-raġjonevolezza taż-żmien, il-Qorti Ewropea, u bl-istess mod il-Qrati tagħna, konsistentement qieset iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ fid-dawl ta' erba' kriterji ġenerali (Konig v. Germany ċitata supra § 99; Neumeister v. Austria ċitata supra § 21; Ringeisen v. Austria ċitata supra § 110; Pelissier and Sassi v.*

*France, QEDB, 25 ta' Marzu 1999, § 67; Pedersen and Baadsgaard v. Denmark, QEDB, 17 ta' Diċembru 2004 § 45; Chiarello v. Germany, QEDB, 20 ta' Ġunju 2019, § 45; Liblik and Others v. Estonia ċitata supra § 91). Dawn huma:*

*(i) il-kumplessità tal-każ;*
*(ii) il-kondotta tal-persuna li qed tilmenta;*
*(iii) il-kondotta tal-Awtoritajiet relevanti;*
*(iv) x'hemm involut għall-persuna li qed tilmenta;*

*Fl-applikazzjoni ta' dawn il-kriterji, il-QEDB, per eżempju, qieset 10 snin (Milasi vs Italy, QEDB, 25 ta' Ġunju 1987) u 13-il sena (Baggetta vs Italy, QEDB, 25 ta' Ġunju 1987) bħala li huma mhux raġjonevoli għall-proċedimenti kriminali. L-Awturi josservaw li "although consistently acting on the basis that each case must be considered on its facts, so that there is no objective limit to the length of time that can be taken, in all cases which have taken over Warbrick, op. cit., pag. 228)" (Anton Camilleri vs Avukat Ġenerali ċitata supra).*

*<u>(i) Il-Kumplessita tal-każ</u>*

*Każ jista' jitqies bħala kumpless fejn il-fatti marbuta miegħu jkunu tali li jinneċessitaw il-produzzjoni ta' volum kbir ta' evidenza (Eckle vs Germany ċitata supra) u/jew is-smiegħ ta' numru kbir ta' xhieda (Mitev vs Bulgaria, QEDB, 22 ta' Diċembru 2004, § 99), jew fejn ikun hemm għadd kbir ta' akkużi u/jew akkużati jew persuni affettwati (Papachelas vs Greece, QEDB, 25 ta' Marzu 1999, § 39). Każijiet jistgħu wkoll jitqiesu bħala kumplessi għax jinvolvu kwistjonijiet legali kumplessi (Breinesberger and Wenzelhuemer vs Austria, QEDB, 27 ta' Novembru 2012, §§ 30-33) jew minħabba n-natura tagħhom bħal meta jkunu jinvolvu mhux biss l-interessi tal-individwu iżda wkoll dawk tal-kumunita' kollha (Wiesinger vs Austria, QEDB, 30 ta' Ottubru 1991, § 55). Każ jista' wkoll jitqies kumpless meta jinvolvi kwistjonijiet relatati mal-kundizzjoni ta' saħħa ta' l-akkużat (Yaikov vs Russia, QEDB, 18 ta' Ġunju 2015, § 76). Fatturi oħra li jikkrejaw kumplessità huma meta l-każ ikun ta' dimensjoni internazzjonali (Neumeister v. Austria ġia ċitata § 20) jew jinneċessita l-ħatra ta' espert speċjalizzat jew li jiġu tradotti dokumenti jew li jintalab interpretu (Sari v. Turkey and Denmark, QEDB, 8 ta' Novembru 2001). Każ jista' wkoll jitqies estremament ikkumplikat meta jkun jirrigwarda 'white-collar crime' b'element transnazzjonali (C.P. and Others v. France, QEDB, 1 ta' Awwissu 2000 § 30).*

*Ġie stabbilit iżda li l-kumplessita waħidha tal-każ ma twassalx sabiex kwalunkwe dewmien jitqies bħala raġonevoli (Ferrantelli u Santangelo vs Italy, QEDB, 7 ta' Awwissu 1996, § 42. Ara wkoll QEDB, Ringeisen vs Austria, ġia ċitata). Minkejja li każ jista' jkun ta' ċerta kumplessità, il-Qorti ma tistax tqis perjodi twal ta' inattività mhux spjegata bħala "raġonevoli" (Adiletta v. Italy, QEDB, 19 ta' Frar 1991, § 17). Difatti, għalkemm irrikonoxxiet li każijiet kumplessi jeħtieġu aktar żmien biex jiġu konklużi, l-QEDB stqarret li l-kumplessità fiha nnifisha mhux neċessarjament tiġġustifika proċedimenti twal li xorta jistgħu jwasslu għal vjolazzjoni tar-rekwiżit taż-żmien raġjonevoli (Maton vs Poland, QEDB, 9 ta' Ġunju 2009, § 30; Rutkowski and Others v. Poland, QEDB, 7 ta' Lulju 2015, § 137).*

*<u>(ii)Il-kondotta tal-persuna li qed tilmenta</u>*

*Skont il-QEDB, tali kondotta għandha tiġi kkunsidrata fid-determinazzjoni tar-rekwiżit taż-żmien raġjonevoli impost fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni minħabba li hija fattur oġġettiv tal-proċedimenti li l-istat m'għandux kontroll fuqha u li għalhekk ma jistax jiġi attribwit lilu (Wiesinger vs Austria ċitata supra § 57).*

*Għalkemm tali kondotta tiġi hekk kkunsidrata, l-imputat ma jitqiesx responsabbli li kkontribwixxa għad-dewmien fejn ma jkunx ikkopera b'mod attiv biex iħaffef il-proċeduri kontrih (Eckle vs Germany ċitata supra § 82) jew fejn ikun għamel użu sħiħ mir-rimedji domestiċi disponibbli għalih (Gubkin vs Russia, QEDB, 23 ta' April 2009, § 167) - anke fejn ikun eżerċita azzjonijiet intiżi biex idewmu u jostakolaw l-proċess ġudizzjarju (Eckle v. Germany, ċitata supra § 82; Sociedade de Construcoes Martins & Vieira, Lda., and Others v. Portugal, QEDB, 30 t'Ottubru 2014 § 48). Dan għaliex "id-difiża m'għarulha ebda obbligu li tassisti tħaffif tal-proċeduri li jittieħdu kontra l-imputat (ara Eckle vs. Germany maqtugħ mill-Qorti ta' Strasbourg fil-15 ta' Lulju 1992)" (Andrew Ellul Sullivan et vs L-Avukat Ġenerali et, Qorti Kostituzzjonali, 18 ta' Ġunju 2008, para 32). It-tmexxija tal-proċeduri tibqa' f'idejn il-Qorti (Francis Said et vs l-Avukat Ġenerali, Qorti Kostituzzjonali, 3 ta' Frar 2009, para 22). "Kif ġie deċiż diversi drabi mill-Qorti Ewropeja "An applicant in principle cannot have it held against him that he has made full use of the procedures available to him under domestic law to pursue his defence". Inoltre "an accused person may not be required to co-operate actively in expediting the proceedings which lead to his own conviction". "A party to proceedings can also not be blamed for making use of his right to bring an appeal" Eckle A.51 (1982)." (George Xuereb vs L-Avukat Ġenerali, Qorti Ċivili Prim' Awla (Sede Kostituzzjonali, 28 ta' Jannar 2005; ara wkoll QEDB, Moiseyev vs*

*Russia, QEDB, 9 t'Ottubru 2008, § 192, Veliyev vs Russia, QEDB, 24 ta' Ġunju 2010).*

*Il-QEDB tikkonsidra li l-persuna konċernata hija meħtieġa biss li turi diliġenza fit-twettiq tal-każ tagħha, li żżomm lura milli tuża tattika ta' dewmien u li tużuffruwixxi ruħha mill-azzjonijiet disponibbli fil-liġi domestika għat-tqassir tal-proċeduri. Iżda ma hija taħt l-ebda dmir li tieħu azzjoni li ma hiex adattata għal dak il-għan (Union Alimentaria Sanders SA vs Spain, QEDB, 7 ta' Lulju 1989, § 35).*

*<u>(iii) Il-kondotta tal-awtoritajiet relevanti</u>*

*L-artikolu 6 jimponi fuq l-Istati kontraenti d-dover li jorganizzaw is-sistemi ġudizzjarji tagħhom u jforni lilhom riżorsi biżżejjed sabiex jippermettu lill-qrati tagħhom jikkonformaw mar-rekwiżiti mposti fl-artikolu 6 u b'hekk ma jkunx hemm dewmien irraġonevoli fil-proċeduri (Abdoella v. the Netherlands, QEDB, 25 ta' Novembru 1992, § 24; Dobbertin v. France ġia ċitata § 44; Zimmermann and Steiner vs Switzerland, QEDB, 13 ta' Lulju 1983, § 29; Guincho vs Portugal, QEDB, 10 ta' Lulju 1984).*

*Kif sewwa rriteniet il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża John Bugeja vs L-Avukat Ġenerali et, 11 ta' Awwissu 2003, "Meta jinstab li kawża damet pendenti għal żmien twil u damet irraġonevolment biex inqagħtet, ikun ġudizzju simpliċistiku wisq li tintefa' l-ħtija għad-dewmien fuq l-Imħallef partikolari li jkun sema' l-istess kawża damet. Ikun ġudizzju x' aktarx immensament inġust li takkuża jew li tinsinwa li dak l-Imħallef partikolari ikun tgħażżen, tnikker jew ġeneralment ma kienx diliġenti f' xogħolu. Dan għaliex, fil-verita', l-abilita' ta' dak l-Imħallef li jiddisponi mill-kawżi fi żmien raġonevoli ma tiddependix biss fuq il-kwalitajiet intrinsiċi u personali tiegħu, iżda, fil-parti l-kbira tiddependi fuq l-effikacja o meno ta' l-ambjent li jaħdem fih. Fost il-fatturi li jikkondizzjonaw dan l-ambjent, insibu n-numru kbir ta' kawżi "qodma" (backlog) li "jitgħabba" bih appena jilħaq Imħallef, in-numru sinjifikanti ta' kawżi ġodda li jiġu assenjati lilu regolarment, u dawk li jista' "jiret" meta jirtira xi ġudikant, il-kwalita' u l-kumplessita' ta' l-istess kawżi, jekk l-Imħallef jingħatax persuni debitament kwalifikati biex jassistuh, jekk jingħatax r-riżorsi neċessarji biex jagħmel ir-riċerka tiegħu, biex iżomm ruħu aġġornat fl-istudji tiegħu, u biex isib il-ħin neċessarju għad-deliberazzjoni u l-kitba tas-sentenzi.*

*Id-dritt fundamentali ta' l-individwu li jkollu l-kawża tiegħu mismugħa u finalizzata egħluq iż-żmien raġonevoli, jimponi tassattivament fuq l-istat, li jrid josserva s-Saltna tad-Dritt, l-*

*obbligu li jkollu fis-seħħ sistema effiċjenti t' amministrazzjoni tal-ġustizzja. Il-ġudikatura tifforma t-tielet kolonna li fuqha hu mibni l-istat. Fis-sistema tagħna, huma ż-żewġ kolonni l-oħra ta' l-Istat, ċjoe' l-eżekuttiv u l-leġislattiv, li għandhom obbligu li jipprovdu r-riżorsi, l-istrutturi u l-għodod l-oħra kollha neċessarji biex il-Qrati jkunu f pożizzjoni li jwettqu l-ġustizzja fi żmien raġonevoli.*

*Il-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem dejjem għallmet li l-artikolu 6 tal Konvenzjoni: ".... imposes on the Contracting Stutes the duty to organise their juridical system in such a way that the Courts can meet the requirements of this provision Salesi vs Italy (26/02/1993). It wishes to reaffirm the importance of administer ting justice without delays which might prejudice its effectiveness and credibility Katte Klitsche de la Grange vs Italy (27/10/1994) - (ara A.P. vs Italy 28/07/1999 Application 35265/97 - para. 18)."*

*<u>(iv) X'hemm involut għall-persuna li qed tilmenta</u>*

*Ċerti fatturi partikolari li jinvolvu lill-applikant jistgħu jenħtieġu l-applikazzjoni ta' standards iktar rigorużi biex jiġi assigurat li l-proċeduri jingħataw prijorita, jiġu trattati b'urġenza u ndirizzati b'iżjed ħeffa. Per eżempju, jekk l-imputat qed jinżamm taħt detenzjoni, ikun jeħtieġ 'diliġenza speċjali' minn naħa tal-awtoritajiet sabiex jitħaffu iktar il-proċeduri (Jabtonski vs Poland, QF.DB, 21 ta' ta' Diċembru 2000, § 102. Ara wkoll Chudun vs Russia, QEDB, 21 ta' Ġunju 2011, § 112). Għandu għalhekk jitqies jekk l-awtoritajiet applikawx din id-diliġenza fil-konsiderazzjoni tar-raġonevolezza tat-tul tal-proċeduri (Abdoella v. the Netherlands ċitata supra § 24; Starokadomskiy v. Russia (no. 2), 13 ta' Marzu 2014, §§ 70-71). Ġie stabbilit madankollu li l-fatt stess li l-applikant huwa persuna pubblika u li l-każ ġibed attenzjoni sinifikanti mill-midja, fih innifsu ma jiġġustifikax deċiżjoni li l-każ kien jistħoqqlu trattament ta' prijorità (Liblik and Others v. Estonia ċitata supra § 103).*

*Każijiet oħra fejn ġie stabbilit li kellu jiġi applikat diliġenza speċjali minħabba dak li kien hemm involut għal persuna li qed tilmenta jinkludu s-segwenti:*

1. *fejn l-applikant huwa afflit b'mard ta' theddid għal ħajja u/jew età avvanzata (X vs France, QEDB, 31 ta' Marzu 1992, § 45);*
2. *każijiet li jikkonċernaw it-tfal bħal kustodja (Hokkanen vs Finland, QEDB, 23 ta' Settembru 1994, § 72) jew rimozzjoni illeċta ta' minuri minħabba li d-dewmien jista' effettivament jiddetermina l-eżitu tal-każ (Hoholm vs Slovakia, QEDB, 13 ta' ta' Jannar 2015, §51);*

3. *proċeduri sabiex jiġi determinat kumpens għall-vittmi ta' inċidenti tat-traffiku (Martins Moreira vs Portugal, QEDB, 26 ta' Ottubru 1988);*
4. *kawżi li jikkonċernaw tilwim relatat ma' mpjieg (Vocaturo vs Italy, QEDB, 24 ta' Mejju 1991, § 17; Bauer vs Slovenia, QEDB, 9 ta' Marzu 2006, § 19)*
5. *kawżi li jikkonċernaw stat Ċivili, bħal dawk għal dikjarazzjoni jew ċaħda ta' paternità (Mikulič vs Croatia, QEDB, 7 ta' Frar 2002).*

*Illi meta wieħed iqiegħed iċ-ċirkostanzi tal-każ u ż-żmien rilevanti għal ilment tal-esponenti u jkejjilhom mal-kriterji hawn fuq msemmija, wieħed ma jistax jasal għal fehma li kien hemm dewmien ġustifikabli fis-smigħ ta' dan il-każ jew li tali dewmien kien attribwibbli lir-rikorrenti. Iż-żmien meħud biex effettivament wassal sabiex ir-rikorrenti ingħatat sentenza kien wieħed li ċertament jaqbeż iż-żminijiet li normalment jittieħed biex Qorti tiddisponi minn każijiet simili.*

*Għaldaqstant, l-esponenti umilment u bir-rispett titlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

1. *TIDDIKJARA illi t-trapass taż-żmien u d-dewmien irraġonevoli li ttieħed sabiex ġew konklużi l-proċeduri kriminali surreferiti, leda d-dritt fundamentali u kostituzzjonali tagħha, hekk kif sanċiti fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u ta' l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;*

2. *TAKKORDA rimedju effettiv u tagħti dawk l-ordnijiet u provvedimenti xierqa u neċessarji sabiex jiġu sanċiti d-drittijiet inerenti u kostituzzjonali tal-esponent kif hawn fuq indikat.*

2. Rat illi fit-22 ta’ April 2021 l-**intimat Avukat tal-Istat** irrisponda għal dak mitlub billi qajjem is-segwenti difiżi:

*Illi fir-rikors promotur ir-rikorrenti qiegħda tallega li ġarrbet leżjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni minħabba dewmien irraġjonevoli fil-proċeduri kriminali li ġew istitwiti kontriha.*

*Illi esponenti jirrespinġi l-pretensjonijiet kollha tar-rikorrenti bħala nfondati fil-fatt u fid-dritt.*

*Illi huwa paċifiku kif konstatat anke mill-ġurisprudenza lokali kif ukoll dik tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li l-fatturi li prinċipalment għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni sabiex jiġi determinat jekk is-smiegħ ta’ proċess eċċediex il-parametri tas-*

*smiegħ fi żmien raġjonevoli huma l-komplessita' tal-każ, l-aġir tal-partijiet fil-kawża u l-aġir ta' l-awtorita' jew awtoritajiet relevanti – f'dan il-każ l-aġir ta' awtorita' ġudizzjarja. Għalhekk, skond il-ġurisprudenza assodata kemm nostrali kif ukoll dik Ewropeja, sabiex Qorti tasal għal konklużjoni dwar jekk kienx hemm ksur tad-dritt ta' smiegħ xieraq fi żmien raġonevoli, il-proċedura ġudizzjarja mertu tal-allegazzjonijiet trid tkun eżaminata fl-assjem tagħha u ma jistax ikun eżaminat biss element jew parti waħda minn din il-proċedura.*

*Illi għalkemm m`hemmx dubju li l-kawża kriminali in kwistjoni ħadet ċertu żmien biex ġiet konkluża, dan kien ġustifikat minħabba l-komplessita` tal-każ u d-diffikultajiet li qamu fil-ġbir tal-provi waqt il-kumpilazzjoni.*

*Ma jidhirx li kien hemm xi nuqqas lampanti mill-partijiet involuti li wassal għal dewmien biex il-kawża tinstema' fi żmien raġjonevoli u wisq inqas ma kien hemm nuqqas mill-esponent jew tal-Qorti li semgħet il-kawża. Ukoll is-sentenzi ingħataw fi żmien raġjonevoli.*

*Illi hu aċċettat illi ma hemm l-ebda 'time limit' li Qorti trid bilfors tosserva fil-kors tal-proċeduri quddiemha għax altrimenti l-interessi tal-ġustizzja jiġu preġudikati minħabba għaġġla żejda u inkonsulta.*

*Illi jrid jiġi ppruvat illi mhux biss il-każ dam pendenti iżda li tali dewmien huwa wieħed kapriċċuż u ntiż biex jiżvantaġġah fit-tgawdija tad-drittijiet tiegħu skond il-Liġi.*

*Illi finalment sabiex jiġi determinat jekk kienx hemm dewmien irraġjonevoli, kull każ irid jiġi studjat fuq il-mertu tiegħu u fil-kumplessivita' tiegħu u fil-każ odjern l-esponent jeċċepixxi li mill-assjem tal-proċeduri kriminali in deżamina għalkemm il-każ dam numru ta' snin sakemm ġie deċiż, ma kienx hemm dewmien irraġjonevoli għaliex dan id-dewmien kien ġustifikat.*

*Illi r-rikorrenti tressqet flimkien ma` terzi u ċioe` Mark Pace, Joseph Pace u Christopher Mazzitelli fejn fost akkużi oħra, ġiet akkużata li fl-20 t`April 2004 u fix-xhur ta` qabel assoċjat ruħha ma` persuni oħra sabiex tiġi ttraffikata d-droga f`Malta. Illi fil-kors tal-kumpilazzjoni ttellgħu numru konsiderevoli ta` xhieda u kien hemm numru ta` esperti li ġew maħtura sabiex jespletaw l-inkarigu tagħhom. Mill-inkartament tal-proċess kriminali ser jidher ictu oculi li l-andament tal-proċess kien wieħed diffiċli u kompless.*

*Illi mingħajr preġudizzju, dato ma non concesso li kien hemm xi dewmien li jeċċedi l-parametri tas-smigħ xieraq fi żmien*

*raġjonevoli, mill-atti proċesswali huma manifest li r-rikorrenti kienet akwijexxenti matul il-prosegwiment sħiħ tal-proċeduri u qatt ma oġġezzjonat jew ilmentat minn xi allegat preġudizzju li kien qed ikollu l-allegat dewmien.*

*Illi f`kull każ u bla ħsara għal-fatt li l-proċeduri odjerni mhumiex ta` culpa akwiljana jew kawża għad-danni, jekk kien hemm dewmien irraġjonevoli, ir-rikorrenti trid tipprova li l-allegati danni li allegatament ġarrbet kienu konsegwenza diretta tal-allegat dewmien fil-proċeduri kriminali.*

*Illi mingħajr ebda preġudizzju għall-premess u għall-ġieh tal-argument biss, jekk din l-Onorabbli Qorti ssib li verament kien xi dewmien irraġjonevoli u allura tqis li għandha tagħti xi forma ta` rimedju lir-rikorrenti, dan ir-rimedju għandu jkun biss ta` kumpens bħala danni morali u mhux ta` danni materjali.*

*Għalhekk u fid-dawl tas-suespost l-allegazzjonijiet u t-talbiet tar-rikorrent għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tiegħu.*

*Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.*

**Provi:**

3. Rat li permezz ta' nota ippreżentata fil-31 ta' Mejju 2021 ġie sostnut li l-proċedura li fuqha qed tibbaża l-lanjanza Kostituzzjonali tagħha hija l-Pulizija vs Giovanna Pace, Mark Pace, omissis, deċiża per Onorevoli Maġistrat Dottor Audrey Demicoli fl-1 ta' Frar 2019 (fol 21).

4. Rat li permezz ta' digriet tas-26 ta' Ottubru 2021 ta' din il-Qorti kif ippreseduta, laqgħet it-talba ta' Mark Pace sabiex il-każ ta' Giovanna Pace u Mark Pace li huma konnessi jinstemgħu quddiem din il-Qorti kif ippreseduta (fol 24).

5. Rat li, wara li ġew annessi l-atti tal-proċeduri kriminali, il-kawża tħalliet għas-sottomissjonijiet finali fit-30 ta' Ġunju 2022.

6. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Avukat tal-Istat ippreżentata fil-31 ta' Ottubru 2022 (fol 34).

7. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' Giovanna Pace ippreżentata fit-3 ta' Novembru 2022 (fol 39).

**Fatti tal-każ**

8. Jirriżulta li r-rikorrenti tressqet b'arrest flimkien ma' oħrajn quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja nhar it-22 ta' April 2004,

akkużata b'assoċjazzjoni u traffikar ta' droga fil-jum tal-20 ta' April u tul l-erba' xhur ta' qabel.

9. Jirriżulta li l-kumpilazzjoni ingħalqet fit-12 ta' Mejju 2004.

10. Jirriżulta li r-rikorrenti talbet li ssir referenza Kostituzzjonali, liema referenza kienet tirrigwarda l-validita` Kostituzzjonali u Konvenzjonali tad-diskrezzjoni fdata f'idejn l-Avukat Ġenerali ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kap 101 kif viġenti f'dak iż-żmien.

11. Din il-Qorti diversament ippreseduta ikkonkludiet li r-rikorrenti kienet sofriet u x'aktarx kienet ser issofri leżjoni tad-drittijiet fundamentali tagħha kif sanċiti mill-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni u tal-Artikolu 39 (8) tal-Kostituzzjoni permezz ta' sentenza mogħtija nhar it-28 ta' Marzu 2014, l-Avukat Ġenerali appella minn din is-sentenza.

12. Madanakollu, fil-mori tal-appell, ossija fil-31 ta' Ottubru 2014, l-Avukat Ġenerali ħareġ kontro-ordni fil-każ kriminali tar-rikorrenti u bagħat sabiex dan jiġi determinat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti tal-Ġudikatura Kriminali. Minħabba f'hekk, ma kienx għad hemm interess fil-proċedura Kostituzzjonali, u dik il-proċedura Kostituzzjonali ġiet konkluża fit-3 ta' Novembru 2014.

13. Jirriżulta li fit-13 ta' Frar 2015, ir-rikorrenti u l-bqija tal-imputati taw il-kunsens tagħhom sabiex il-każ tagħhom jigi deċiż mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali.

14. Jirriżulta li r-rikorrenti kompliet issostni l-innoċenza tagħha, u eventwalment fl-1 ta' Frar 2019, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti tal-Ġudikatura Kriminali sabet lil Marco Pace ħati tal-imputazzjonijiet dedotti kontrih filwaqt li r-rikorrenti ġiet misjuba ħatja tal-imputazzjonijiet relatati mal-imġieba tagħha mal-Pulizija iżda mhux tal-imputazzjonijiet l-oħra. Għalhekk, ġiet ikkundannata tnax-il xahar priġunerija sospiżi għal sentejn, filwaqt li kkundannat lit-tnejn iħallsu l-ispejjeż tal-każ, apparti li ġew ikkonfiskati flus maqbuda u ġiet ordnata wkoll id-distruzzjoni tad-droga.

## Ikkunsidrat

15. Jirriżulta, mit-talbiet u l-premessi, illi r-rikorrenti qiegħda permezz tal-azzjoni preżenti, tilmenta li sofriet leżjoni tad-drittijiet tagħha ai termini tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u kif ukoll l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem, minħabba trapass ta' żmien u dewmien irraġonevoli fil-proċedura kriminali.

16. Jirriżulta, mill-banda l-oħra, illi l-intimat Avukat tal-Istat, qajjem is-segwenti difiżi:

a. It-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt, l-ebda dritt tar-rikorrenti ma ġie leż.

b. M'hemmx dubju li l-kawża Kriminali ħadet iż-żmien biex ġiet konkluża, iżda dan huwa ġustifikat minħabba l-kumplessita` tal-każ u d-diffikultajiet li qamu fil-ġbir tal-provi waqt il-kumpilazzjoni. Ma jidhirx li kien hemm dewmien biex il-kawża tinstema' fi żmien raġonevoli, u ma kien hemm l-ebda nuqqas tal-Qorti li semgħet il-każ.

c. M'hemm l-ebda time-limit li l-Qorti trid tosserva fil-kors tal-proċeduri quddiemha għax altrimenti l-interessi tal-ġustizzja jiġu ppreġudikati minħabba għaġġla żejda. Irid jiġi ppruvat li mhux biss il-każ dam pendenti iżda, li tali dewmien kien kappriċċuż u intiż jiżvantaġġa fit-tgawdija tad-drittijiet tagħha.

d. Kull każ irid jiġi studjat u mistħarreg fil-kumplessita` tiegħu, u fil-każ in eżami id-dewmien kien ġustifikat u mhux irraġonevoli.

e. Ir-rikorrenti tressqet ma' oħrajn Mark Pace, Joseph Pace, u Christopher Mazzittelli fejn ġiet akkużata li fl-20 ta' April 2004 u fix-xhur ta' qabel assoċjat ruħha ma' persuni oħra sabiex tittraffika d-droga, kien hemm numru ta' xhieda u numru ta' esperti, b'hekk l-andament tal-proċess kien kumpless.

f. Minn siti proċesswali, ma jidhirx li kien hemm xi dewmien li jeċċedi l-parametri tas-smiegħ xieraq fi żmien raġonevoli.

g. F'kull każ, il-proċedura odjerna mhijiex ta' *culpa akwiljana* u jekk kien hemm dewmien irraġonevoli, ir-rikorrenti trid tipprova dan ir-rimedju għandu ikun biss ta' kumpens bħala danni morali u mhux materjali, b'hekk it-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda.

**Mertu tal-każ**

17. Ir-rikorrenti qiegħda tikkontendi li d-drittijiet fundamentali tagħha ġew leżi wara li l-proċedura Kriminali fil-konfront tagħha twalet irraġonevolment. Ir-rikorrenti sostniet li l-każ Kriminali għalkemm ta' natura penali ma kienx ta' kumplessita` liema bħalha, b'hekk ma kienx hemm bżonn kważi trapass ta' ħmistax-il sena biex jiġi deċiż. Għalhekk, hija qed tippernja il-lanjanza tagħha abbażi ta' nuqqas ta' smiegħ xieraq fi żmien raġonevoli, abbażi tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.

18. Jirriżulta li r-rikorrenti tressqet b'arrest flimkien mal-ko-imputati l-oħra fit-22 ta' April 2004, u l-proċedura kriminali ġiet finalment konkluża fl-1 ta' Frar 2019, ħmistax il-sena wara li kien inbeda l-każ tagħha.

19. Għalhekk, il-leżjoni tad-drittijiet fondamentali kif vantata mir-rikorrenti a tenur tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u a tenur tal-Artikolu 6 tal-

Konvenzjoni Ewropea hija prinċipalment dwar nuqqas ta' smiegħ xieraq fil-proċeduri kriminali li ttieħdu kontriha minħabba trapass twil ta' żmien.

20. Ir-rikorrenti, fis-sottomissjonijiet tagħha sostniet, li l-kumplessita` tal-każ ma twassalx neċessarjament sabiex kwalunkwe dewmien jitqies raġonevoli, dan għaliex minkejja l-każ ikun ta' kumplessita` l-Qorti ma tistax tqis perjodi twal ta' inattivita`, għaliex il-proċediment twil xorta jista' jwassal għal vjolazzjoni tar-rekwiżit ta' żmien raġonevoli.

21. L-intimat Avukat tal-Istat, sostna kemm fl-eċċezzjonijiet u fis-sottomissjonijiet, li l-proċedura fil-konfront tar-rikorrenti kienet waħda kumplessa, li tirrikjedi diversi xhieda u diversi esperti. Inoltre`, ġie sostnut li r-rikorrenti stess matul il-proċedura ma jidhirx li lmentat dwar dewmien, jew li kellha diffikultà kif tmexxa l-każ, tant li r-rikorrenti, wara li l-ko-imputati taw il-kunsens tagħhom sabiex jiġi deċiż il-każ mill-Qorti tal-Maġistrati bħala (Qorti tal-Ġudikatura Kriminali) damu ħames snin iressqu d-difiżi tagħhom. Ġie sostnut ukoll li s-seduti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja inżammu b'mod regolari, u wara li nħarġet l-att ta' l-akkuża fis-16 ta' Ġunju 2011, l-eċċezzjonijiet tar-rikorrenti ġew finalment deċiżi mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-13 ta' Ġunju 2013, b'hekk ma kienx hemm dewmien f'dan ir-rigward.

22. Hawnhekk, tajjeb, jiġi meqjus, li din il-Qorti jeħtiġilha tistħarreġ hemmx ksur tal-jeddijiet invokati mir-rikorrenti abbażi tal-fatti u ċ-ċirkostanzi kif jirriżultaw mill-assjem tal-provi u l-atti tal-każ.

23. L-**Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea** jipprovdi:

> "*Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa intitolat għal smiegħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali imwaqqaf b'liġi. Is-sentenza għandha tingħata pubblikament iżda l-istampa u l-pubbliku jista' jiġi eskluż mill-proċeduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, tal-ordni pubbliku jew tas-sigurta nazzjonali f'soċjeta' demokratika, meta l-interessi tal-miżuri jew il-protezzjoni tal-ħajja privata tal-partijiet hekk teħtieġ, jew sa fejn ikun rigorażament meħtieġ fil-fehma tal-qorti f'ċirkostanzi speċjali meta l-pubbliċita tista' tippreġudika l-interessi tal-ġustizzja.*
>
> *(2) Kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu jiġi meqjus li jkun innoċenti sakemm ma jiġix ippruvat ħati skont il-liġi.*
>
> *(3) Kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu d-drittijiet minimi li ġejjin:*

*(a) Li ikun infurmat minnufih, b'lingwa li jifhem u bid-dettal, dwar in-natura u r-raġuni tal-akkuża kontra tiegħu;*

*(b) Li jkollu żmien u faċilitajiet xierqa għall-preparazzjoni tad-difiża tiegħu;*

*(c) Li jiddefendi ruħu personalment jew permezz ta' assistenza legali magħżula minnu stess jew jekk ma jkollux mezzi biżżejjed li jħallas assistenza legali, din għandha tingħata lilu b'xejn meta l-interessi tal-ġustizzja jeħtieġu hekk;*

*(d) Li jeżamina jew li jara li jiġu eżaminati xhieda kontra tiegħu u li jottjeni l-attendenza u l-eżami ta' xhieda favur tiegħu taħt l-istess kondizzjonijiet bħax-xhieda kontra tiegħu;*

*(e) Li jkollu assistenza b'xejn ta' interpretu jekk ma jkunx jifhem jew jitkellem il-lingwa użata fil-qorti."*

24. Illi skont l-awturi **Harris, O'Boyle &Warbrick**, fil-ktieb "Law of European Covention on Human Rights" ingħad:

*"A number of specific rights have been added to Article 6(1) through the medium of its 'fair hearing' guarantee. The first of these to be established were 'equality of arms' and the right to a hearing on one's presence. A breach of such a speċifiċ right may itself amount to a breach of the right to a 'fair hearing' without any need to consider other aspects of the proceedings. As noted, in cases not involving a breach of a specific right, the Court may nonetheless find a breach of the right to a 'fair hearing' on a 'hearing as a whole' basis."*

25. L-**Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta** jipprovdi:

*(1) "Kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwa għandu, kemm-il darba l-akkuża ma tiġix irtirata, jiġi mogħti smiegħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali imwaqqfa b'liġi."*

(2) *Kull qorti jew awtorita` oħra ġudikanti mwaqqfa b'liġi għad-deċiżjoni dwar l-eżistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi ċivili għandha tkun indipendenti u imparzjali; u meta l-proċedura għal deċiżjoni bħal dik huma mibdija minn xi persuna quddiem qorti jew awtorita` oħra ġudikanti bħal dik, il-każ għandu jiġi mogħti smiegħ xieraq għeluq żmien raġonevoli*."

26. Fl-ewwel lok, jingħad li jinsab assodat fil-ġurisprudenza ta' Strasbourg kif ukoll ta' din il-Qorti , li biex wieħed jiddeċiedi jekk kienx hemm nuqqas ta' smiegħ xieraq wieħed irid jara u jeżamina l-proċedura ġudizzjarja kollha kemm hi fit-totalita` tagħha. (Ara wkoll ad eż. l-każ **Van Mechelen and Others vs The Netherlands** deċiża mill-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem fit-23 ta' April 1997), fejn ingħad hekk:

> *"When determining if there has been a breach of the right to a fair hearing the court makes an evaluation of the fairness of the entire domestic proceedings.....This approach also enables the Court to consider whether defects in first instance proceedings have been rectified by subsequent appellate hearings......."*

27. Fil-kawża **Voacaturo v Italy**, deċiża mill-QEDB fl-24 ta' Mejju 1991 u fil-każ **G.H. vs Austria** deċiża mill-QEDB fit-3 ta' Ottubru 2000, fejn il-Qorti Ewropea sostniet:

> *"It is for contracting states to organise their legal systems in such a way that the Courts can guarantee the right to everyone to obtain a final decision on disputes relating to civil rights and obligations within a reasonable time.*
>
> *Il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea irribadiet li sabiex jiġi stabbilit jekk kiex hemm dewmien li mhux raġonevoli, hemm bżonn li jiġu ikkunsidrati t-tlett figuri segwenti:*
> *(i)Il-kumplessita` tal-każ*
> *(ii)L-imġieba tal-Qorti*
> *(iii)L-imġieba ta' min ikun qed jagħmel il-lament"*

28. Ukoll, fil-każ **Moeira de Azevedo vs Portugal** Applik Nru 112964/84 ingħad:

> *"By requiring that cases be heard "within a reasonable time", the Convention stresses the importance of administering justice without delays which might jeopardise its effectiveness and credibility...."*

29. Ma' dawn wieħed għandu jqis 'the importance of what was at stake for the applicant in the litigation'. (Ara ad eż. **Price and Lowe v the United Kingdom**, nos 43185/98 and 43186/98, 20,29 July 2003; **Frydlander v France** App. Nru 30979/96, 27 ta' Ġunju 2000).

30. Il-Qorti Kostituzzjonali fil-każ **Francis Theuma vs Avukat Ġenerali** deċiża fis-27 ta' Ġunju 2003, kompliet tispjega l-kriterji hawn fuq imsemmija hekk:

*"S'intendi dawn il-kriterji jridu jiġu applikati għall-każ konkret u mhux fl-astratt, b'mod għalhekk li għandu jiġi eżaminat sew il-proċess il jkun qed jiġi allegat li jagħti lok għall-ksur lamentat. Ma hemmx għalhekk xi perjodu pre-determined, applikabbli għal kull każ, li jekk inqabeż ikun hemm ksur minħabba dewmien mhux raġonevoli.*

*When the length of the relevant period has been established, it must subsequently be detrmined whether this period is to be regarded as reasonable. In many cases, the court only makes an overall assessment, in other cases however, it assesses the lapes of time in each stage of the proceedings. The reasonableness cannot be judged in the abstract but has to be assesed in view of the circumstances of each individual case. The interests of the person concerned in a sprompt a decision as possible will have to be weigħed against the demands of a careful examination and a proper conduct of the proceedings....the application of the criteria, the complexit of the case, the conduct of the applicant and the conduct of the authorities, can lead to differenet conclusions......(**Van Dijk P. U Van Hoof** GĦJ Theory and Practice f the European Convention on Huma Rights Kluwer Law (The Hague) 1998 pp 446-449."*

31. Dwar it-tifsira tal-kunċett ta' żmien raġonevoli, il-Qrati Tagħna wkoll esprimew ruħhom u sostnew it-terminu fih innifsu għandu element qawwi ta' diskrezzjonalita` li jħalli f'idejn il-ġudikant jiddetermina jekk fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, Iż-żmien perkors sakemm il-persuna allegata tkun ġiet ġudikata, kienx ta' tul tali li jeċċedi dak li hu jew għandu jkun normalment aċċettabbli f'soċjeta demokratika. Dan kollu jindika li kull każ għandu jiġi eżaminat fid-dawl taċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu (Ara **Zakkarija Calleja vs L-Avukat Ġenerali** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-15 ta' Diċembru 2015).

32. F'dan il-kuntest, ta' min isemmi l-każ **Anton Camilleri vs Avukat Ġenerali** deċiż fit-22 ta' April 2015 (71/100) fejn ġie ribadit:

*"Illi d-dritt fundamentali tal-individwu li jkollu l-kawża tiegħu mismugħa b'mod xieraq u fi żmien raġonevoli timponi fuq l-Istat li jħares id-dritt li jassigura l-eżistenza u ż-żamma fis-seħħ ta' sistema effiċjenti ta' amministrazzjoni ta' ġustizzja. Dan jitnissel billi l-Istat jipprovdi strutturi, riżorsi u għodod li bihom il-Qrati ikunu jistgħu iwettqu xogħolhom kif imiss. B'żieda ma' dan ingħad ukoll li l-investigazzjoni ta' dewmien fis-smiegħ ta' kawża m'għandhiex issir sempliċistikament fit-termini dojoq tal-kawża partikolari, imma f'termini ferm usa li jħaddnu ċ-ċirkostanzi kollha li fihom dik il-Qorti tkun qiegħda taħdem fiż-żmien relattiv.*

*Illi b'danakollu, jekk minħabba l-inadekwenza tal-istrutturi li tfasslu biex titħaddem il-magna tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja ibati bla ħtija ċ-ċittadin, l-Istat irid jagħmel tajjeb għal tali tbatija. Għaliex kif qalet il-Qorti Ewropea tad-drittijiet tal-Bniedem f'għadd ta' kawżi, meta kienet qiegħda tagħrbel l-implikazzjonijiet u l-implimentazzjoni tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni, "...... (that article imposes on the Contracting States the duty to organise their judicial systems in such a way that the Courts can meet the requirements of this provision [Salesi vs Italy (26/2/1993)]. It wishes to reaffirm the importance of administering justice without delays which might prejudice its effectiveness and credibility [Katte Klitsche de la Grange vs Italy (27/10/19940]. Aktar reċentement, dik il-Qorti kienet f'qagħda li żżid tgħallem li "whether or not the subject matter of the cases called for particular urgency in deciding them,......it is for the Contracting states to organise their legal systems in such a way that their courts can guarantee the rights to everyone to obtain a final decision on disputes relating to civil rights and obligations within a reasonable time [Horvat vs Croatia (26/7/2001)].*

33. F'dan l-istess każ suċitat **Anton Camilleri vs Avukat Ġenerali** ingħad:

> *"Illi dwar kif titkejjel ir-raġonevolezza taż-żmien fil-każ ta' proċeduri kriminali, huwa meqjus li ġeneralment dan iż-żmien jibda jgħodd ("dies a quo") mill-waqt li persuna ssir taf x'inhi l-akkuża li qiegħda ssir kontra tagħha, għaliex hu minn tali waqt li jibda l-interess tagħha li l-akkuża tkun determinata u maqtugħa. Dan ifisser li mhux ta' bilfors li ż-żmien jibda minn x'ħin il-persuna tkun mgħarrfa li qiegħda taħt stħarrig u li tkun qiegħda tinżamm taħt arrest preventiv minħabba dak l-istħarriġ sakemm issir l-għażla jekk titressaqx mixlija formalment quddiem Qorti. Dak iż-żmien jibqa' jitkejjel sakemm ("dies ad quem") iż-żmien tal-inċertezza maħluqa bil-pendenza tal-proċedura ikun intemm. Dan iseħħ jew mill-għoti tas-sentenza li tkun jew mal-għeluq taż-żmien li minnha seta' sar appell."*

34. Ikkunsidrat ukoll, li dan id-dritt jirrispetta wkoll il-prinċipju tal-effikaċja billi dewmien esaġerat jimmilita kontra l-aċċess garantit għall-ġustizzja li għandu jiġi żgurat mill-Istat lil kull ċittadin. Kif jgħidu l-awturi **Jacobs White & Ovey** fil-ktieb The European Convention on Human Rights - 6th Edition p.273):

> *"The object of the provision of article 6(1) is to protect the individual concerned from living too long under the stress of uncertainty and, more generally to ensure that justice is administered without delays which might jeopardise its effectiveness and credibility."*

35. Inoltre`, kif jirritjenu diversi awturi, bħal **Clayton R. & Tomlinson H**, 2001, Fair Trial Rights, Oxford pg 88-89, l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea jiggarantixxu d-dritt għal smiegħ xieraq li jinkorpora s-segwenti prinċipji:

> *“......the Strasbourg authorities have interpreted Article 6 as providing, aspects of general right to a fair hearing, the following implied rights:*
>
> *a) The right of access to the courts*
> *b) The right to be present to an adversarial hearing*
> *c) The right to equality of arms*
> *d) The right to a fair presentation of the evidence*
> *e) The right to cross-examine, and*
> *f) The right to reasonal judgement.”*

36. Dawn l-istess prinċipji hawn fuq imsemmija huma garantiti wkoll bl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni. Għalhekk, hawnhekk, irid jiġi mistħarreġ l-ilment prinċipali dwar l-irraġonevolezza taż-żmien. Ir-rikorrenti qed tilmenta li ġie leż id-dritt tagħha għal smiegħ xieraq minħabba dewmien dovut għal raġunijiet internament indipendenti minnha.

37. Fid-dawl ta’ dan, jiġi osservat, li l-Avukat Ġenerali kien għażel li jadotta l-proċedura tar-rinviji a tenur tal-artikolu 405 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta, u fl-istess rinviji, l-Avukat Ġenerali baqa’ jinsisti li l-Qorti tisma’ kull prova li ġġib il-Pulizija anke wara li l-Pulizija kienet ikkonkludiet il-provi tagħha. Jiġi innutat li mir-rinviji tas-16 ta’ Frar 2007, l-Avukat Ġenerali beda jitlob ċertifikat mediku ta’ WPS 45 rigward ferita ikkawżata b’gidma u sabiex terġa’ tixhed WPS 45 u baqgħu jinżammu diversi seduti fir-rigward ta’ dan sa Ġunju 2019.

38. Din il-Qorti tqis li kien hemm tul ta’ żmien minn meta l-Avukat Ġenerali beda bil-proċedura tar-rinviji sa Ġunju 2009 sakemm ġew konklużi l-provi mitluba. Inoltre`, jiġi meqjus ukoll, li l-att tal-akkuża ħarġet fis-16 ta’ Ġunju 2011, seba’ snin wara li inbdiet il-proċedura kriminali, mertu ta’ din il-vertenza. Fl-istess att ta’ akkuża, ir-rikorrenti kienet ġiet akkużata b’delitti u kien hemm it-talba li tingħata għomor ħabs. In segwitu, fil-11 ta’ Lulju 2011, ir-rikorrenti ippreżentat nota ta’ eċċezzjonijiet a tenur tal-artikolu 438(2) tal-Kap 9 li ġew trattati quddiem il-Qorti Kriminali fis-17 ta’ Ottubru 2011 u deċiżi fis-6 ta’ Jannar 2012. Sussegwentement Giovanna Pace appellat minn din is-sentenza, liema appell ġie trattat sena wara fil-31 ta’ Jannar 2013 u deċiż fit-13 ta’ Ġunju 2013, fejn il-Qorti tal-Appell ċaħdet l-appell u ordnat li l-atti jiġu rimessi lill-Qorti Kriminali.

39. Jirriżulta wkoll li sussegwentement, Giovanna Pace, permezz ta’ rikors talbet lill-Qorti Kriminali tirrimanda l-atti quddiem il-Prim’ Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) a tenur tal-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta sabiex jiġi determinat jekk id-diskrezzjoni li għandu l-Avukat

Ġenerali fil-Kap 101 li jagħżel jekk l-akkużat ikollux il-kawża deċiża bħala mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti tal-Ġudikatura Kriminali jew mill-Qorti Kriminali tilledix id-drittijiet tagħha taħt l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, u t-talba tar-rikorrenti kienet ġiet milqugħa.

40. Ir-rikorrenti kienet ippreżentat ir-rikors imsemmi hawn fuq għaliex l-Avukat Ġenerali xorta, iżda l-prerogattiva tiegħu u talab li r-rikorrenti u l-ko-imputati jgħaddu ġuri, u kien biss sussegwentement, tlett snin wara, meta kienu għaddew tlett snin li fihom ma sar xejn, li nħarġet il-kontro-ordni fejn intalab li r-rikorrenti tiġi ipproċessata quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti tal-Ġudikatura Kriminali.

41. Din il-Qorti tqis, illi huwa tort imputabbli direttament lill-Avukat Ġenerali, kemm fil-proċedura tar-rinviji, kif ukoll meta intużat il-prerogattiva li r-rikorrent jgħaddi ġuri, u għal medda ta' tlett snin ma sar xejn sabiex imbagħad preċiżament tlett snin wara l-Avukat Ġenerali ħareġ il-kontro-ordni sabiex ir-rikorrent jiġi pproċessat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti tal-Ġudikatura Kriminali.

42. L-Avukat tal-Istat fis-sottomissjonijiet, sostna li wara, li l-ko-imputati taw il-kunsens tagħhom, li l-każ jiġi deċiż mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali damu ħames snin iressqu d-difiżi tagħhom. Dan ċertament, ma jitfax dawl ta' dilungar u dewmien da parti tar-rikorrenti, għaliex fiċ-ċirkostanzi, ma jistax jiġi meqjus li kien hemm dilungar f'dan il-perjodu ta' ġbir ta' provi, kif qed jittenta isostni l-intimat, iżda kien leċitu li r-rikorrenti tressaq id-difiżi tagħha.

43. Ikkunsidrati dawn il-fatti u ċirkostanzi, din il-Qorti tqis li t-trapass ta' snin ma jistax jiġi attribwit għal fatturi li l-prosekuzzjoni ma kellhiex kontroll fuqhom, dan għaliex id-dilungar, kien strettament u speċifikatament konsegwenza tal-proċeduri tar-rinviji, u taċ-ċertifikat mediku u provi fir-rigward mitlub wara r-rinviji, li tawlu l-proċess u għall-fatt li ma sar xejn għal perjodu ta' tlett snin sakemm l-Avukat Ġenerali iddeċieda li joħroġ il-kontro-ordni. Komplessivament, jidher, li d-dewmien huwa attribwibbli għal deċiżjonijiet da parti tal-Avukat Ġenerali, u ċertament ma jistax jingħad li kien hemm nuqqasijiet da parti tal-Qorti fir-rigward ta' dewmien. Għalhekk, dawn iċ-ċirkostanzi magħdudin flimkien għandhom ikunu bażi tajba biex jitqies il-kriterju tar-raġonevolezza fid-dewmien proċedurali.

44. Il-Qorti, madanakollu, ma tistax ta' tirrilevax illi, għalkemm jidher ċar illi n-nuqqasjiet huma imputabbli prinċipalment lejn l-Avukat Ġenerali w il-Pulizija, il-Qorti għandha r-responsabbiltajiet tagħha, stante illi tali ksur seħħ taħt l-awspiċju tagħha, minkejja li għandu jingħad illi l-leġislazzjoni odjerna timpedixxi lill-Qrati sabiex joperaw b'mod aktar effettiv minħabba fil-kontroll aħħari illi għandu l-Avukat Ġenerali – il-Qorti setgħet, f'dawn iċ-ċirkostanzi, tirriferi di suo sponte, l-possibbilta' ta' ilment kostituzzjonali

dwar dewmien lill-Prim' Awla, Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali, sabiex l-aġir abbużiv tal-Avukat Ġenerali u l-Pulizija jitwaqqaf u jingħata terminu biex jagħlaq il-provi, wara liema terminu, l-Avukat Ġenerali ma jkunx jista' jagħmel aktar rinviji, u dan bħalma ġara fil-każ ta' **Tarcisio Mifsud vs Avukat Ġenerali et**.

45. Il-Qorti tosserva illi r-rikorrent, fil-proċeduri odjerni, għażel li ma jindirizzax l-azzjoni fil-konfront tal-Pulizija u/jew tal-Avukat Ġenerali iżda, fil-każ odjern, unikament kontra l-Avukat tal-Istat, liema Avukat tal-Istat, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 181B tal-Kap 12, jidher biss għall-kwalsiasi azzjoni imputabbli unikament lejn l-operat tal-Qrati, kif korrettement irrileva fid-9 paragrafu tal-eċċezzjonijet tiegħu – dana għalhekk jwassal lill-Qorti, sabiex tieħu l-konsiderazzjonijiet meħtieġa meta tkun qiegħda tikkunsidra d-danni dovuti.

46. Magħmulin dawn l-osservazzjonijiet, il-Qorti tasal biex tikkonkludi li fid-dawl tal-fatturi hawn fuq imsemmija, li taw lok għal dewmien żejjed quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kienu lil hinn mill-kontroll tar-rikorrenti. Dan jagħti lok għal ġustifikazzjoni għal-lanjanza tar-rikorrenti, li sofriet ksur tad-dritt ta' smiegħ xieraq fi żmien raġonevoli, b'hekk qed jiġi konkluż, li l-inċertezza ikkawżata mid-dewmien fil-proċeduri kriminali, għar-raġunijiet mogħtija ħolqu preġudizzju sproporzjonat li ma jistax jiġi injorat.

47. Għaldaqstant, in vista tas-suespost, u għall-motivi spjegati, jirriżulta li hemm ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti taħt l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.

48. Konsegwentement, tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-intimat Avukat tal-Istat f'dan ir-rigward u tilqa' t-talba tar-rikorrenti, b'hekk tqis li r-rikorrenti jistħoqqilha rimedju xieraq u effettiv bħala kumpens morali.

**Rimedju**

49. Ikkunsidrat, li f'dan il-każ, ir-rikorrenti qed titlob li tiġi riżarċita għad-danni materjali u rimedji xierqa u effettivi għall-allegat leżjoni tad-drittijiet tagħha.

50. Ir-rikorrenti issottomettiet fis-sottomsissjonijiet, u irreferiet għal numru ta' kawżi deċiżi mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, liema kawżi kienu jikkonċernaw kumplessita` kif ukoll volum kbir ta' evidenza fosthom **Mitev vs Bulgaria** deċiża fit-22 ta' Diċembru 2004 u **Sari vs Turkey & Denmark** deċiża fit-8 ta' Novembru 2001. Ir-rikorrenti kompliet tissottometti, li kif referut f' kawżi deċiżi mill-Qorti Ewropea tad-drittijiet tal-Bniedem, il-kumplessita` weħedha tal-każ ma twassalx sabiex kwalunkwe dewmien jitqies raġonevoli. F'dan il-kuntest, ġew ċitati il-kawżi **Ferrantelli u Santangelo vs Italy** deċiża fis-7 ta' Awissu 1996. In sostenn għall-fatt, li ir-rikorrenti ma ilmentatx tul il-kors tal-proċedura Kriminali,

irreferiet fis-sottomsissjonijiet għall-każ **Vajic vs Turkey** deċiż mill-QEDB fl-20 ta' Ġunju 2006, fejn ġie stabbilit li l-imputat huwa prekluż milli jilmenta fuq tul mhux raġonevoli li matulu kien maħrub mill-ġurisdizzjoni, sakemm ma ikunx hemm raġunijiet leġittimi jew f'każ ta' *force majeur*.

51. Minn naħa l-oħra, l-Avukat tal-Istat sostna li jekk jinstab li hemm ksur ta' drittijiet fundamentali, dikjarazzjoni ta' ksur ta' drittijiet umani hija suffiċjenti. F'dan ir-rigward, L-Avukat tal-Istat irrefera għall-każ **Avukat Cedric Mifsud noe vs Aġenzija Identita' Malta et**, deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fid-9 ta' Ġunju 2022, fejn minkejja trapass ta' sitt snin, il-Qorti Kostituzzjonali ħassret is-sentenza appellata fejn kien ingħata kumpens ta' € 4,000 u ddikjarat li d-dikjarazzjoni ta' ksur ta' drittijiet kien rimedju biżżejjed.

52. F'dan il-kuntest, wieħed ta' min isemmi l-każ **Gasan Enterprises Limited vs Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u Ippjanar** deċiż mill-Qorti Kostituzzjonali fit-3 ta' Frar 2009 fejn ingħad:

> *"Kif inhu impost fir-rikors promotur, dan kjarament qed jitlob rimedju għall-ksur tal-Artikolu 6 tal-konvenzjoni – u kawża Kostituzzjonali għal dikjarazzjoni ta' leżjoni ta' dritt fundamentali m'għandhiex tiġi ikkonfertita f'kawża għal danni akwiljani. Meta jiġi riskontrat dewmien skont l-Artikolu 6, ir-rimedju għandu ikun, bħala regola, kumpens konsistenti f'danni morali li ikunu jirrispekkjaw id-dewmien inġustifikat, u dan indipendentement minn natura tal-kawża jew il-valur tal-proprjeta` in kontestazzjoni u bla preġudizzju għad-danni materjali ossija reali li dak id-dewmien seta' effettivament ikkawża."*

53. Jiġi osservat, li f'kawża rigwardanti dewmien irraġonevoli, kemm-il darba ġie ritenut mill-Qrati Tagħna, li sempliċi dikjarazzjoni ta' leżjoni ta' dritt fundamentali hi rimedju suffiċjenti (Ara **John Bugeja vs Avukat Ġenerali et** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali datata 11 ta' Awissu 2003).

54. Jiġi osservat wkoll illi, fil-każ odjern, il-konsulenti legali tar-rikorrenti għażlu li jindirizzaw l-ilment tagħhom lejn l-Avukat tal-Istat, u dan, kif ġia sottomess mill-Avukat tal-Istat korrettement, fil-vesti tiegħu ta' rappreżentant tal-Gvern responsabbli għall-aġir tal-Qrati. Ebda azzjoni ma ttieħdet kontra l-Avukat Ġenerali jew il-Pulizija, li mill-assjem tal-provi, ħareġ ċar li kienu l-kawża prinċipali ta' dewmien.

55. Għalkemm kull każ għandu l-fattispecje tiegħu, il-każ in eżami, għandu jirrifletti ċ-ċirkustanzi partikolari tiegħu. Iżda, l-Qorti tosserva li fost is-sentenzi li ngħataw dawn l-aħħar snin fir-rigward ta' dewmien meqjus mhux raġonevoli hemm:

- **George Frendo vs Avukat Ġenerali et** (108/16) deċiż minn din il-Qorti stess fit-8 ta' Novembru 2017, fejn gie likwidat kumpens morali ta' € 2,000 għal proċeduri li damu għaddejjin 15 il-sena.
- **Dr. Tancred Busuttil vs Avukat Ġenerali** (10/2008) deċiż fit-2 ta' Lulju 2013, fejn il-Qorti llikwidat kumpens morali is-somma ta' € 2,500 fir-rigward ta' proċeduri li damu madwar 24 sena.
- **Joseph Manuel Galea u Joseph Attard vs Avukat Ġenerali** (88/13) deċiż fil-15 ta' Mejju 2015 fejn il-Qorti illikwidat kumpens morali fis-somma ta' € 2,500 kull wieħed fir-rigward ta' proċeduri li kienu għadhom pendenti wara 10 snin u f'dan il-perjodu ftit li xejn kien sar minn naħa tal-prosekuzzjoni fit-tmexxija tal-każ.
- **Joseph Gatt et vs Avukat Ġenerali (25/10)** deċiż fit-28 ta' Frar 2014 fejn il-Qorti illikwidat kumpens morali fis-somma ta' € 3,000 għal kawża li damet għaddejja erbgħin sena wara li ħadet in konsiderazzjoni l-fatt li r-rikorrenti kienu passivi għal snin sħaħ dwar dan id-dilungar tal-proċeduri mingħajr ma ħadu azzjoni biex jissalvagwardjaw id-drittijiet tagħhom.

56. In vista tal-kunsiderazzjonijiet fil-mertu magħmula aktar 'il fuq, u meħudin iċ-ċirkustanzi kollha tal-każ in eżami, il-Qorti sejra takkorda lir-rikorrenti kumpens xieraq. Tenut kont tal-fatt, li s-sentenza li ngħatat ir-rikorrenti hija konsistenti biss fi tnax-il xahar priġunerija sospiżi għal sentejn, u li t-tort huwa imputabbli prinċiplament lejn in-nuqqasijiet tal-Avukat Ġenerali, li ma huwiex parti mill-kawża odjerna, din il-Qorti qed takkorda is-somma ta' elf Ewro (€ 1,000) bħala kumpens morali u rimedju effettiv għall-ilment Kostituzzjonali tagħha.

**Konklużjoni**

Il-Qorti,

Wara illi rat l-atti kollha proċesswali kollha ppreżentati quddiemha;

Wara illi rat is-sottomissjonijiet tal-abbli avukati difensuri tar-rikorrenti u tal-intimat Avukat tal-Istat;

Tgħaddi biex taqta' u tiddeċiedi l-vertenza odjerna billi:

**Tilqa'** t-talbiet tar-rikorrenti billi:

**Tilqa' l-ewwel t-talba u <u>Tiddikjara</u>** it-trapass taż-żmien u d-dewmien irraġonevoli li ttiehed sabiex ġew konklużi l-proċeduri kriminali fil-konfront tagħha illedew id-drittijiet fundamentali tagħha kif sanċiti fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Tilqa't-tieni talba tar-rikorrenti u **Tillikwida** l-kumpens morali dovut lir-rikorrenti fis-somma ta' elf Ewro (€ 1,000) bħala rimedju effettiv għall-ilment Kostituzzjonali tagħha, w **tordna** illi tali kumpens għandu jitħallas mill-Avukat tal-Istat.

**L-ispejjeż** għall-proċeduri odjerni għandhom ikunu a kariku ta' l-Avukat tal-Istat.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
Imħallef

**Rita Sciberras**
Deputat Reġistratur